IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.11.2014
COM(2014) 701 final

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta’ Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2013/014 FR/Air France minn Franza)**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1] jippermetti l-mobilizazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) sal-limitu massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011) b'żieda mal-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG għall-applikazzjonijiet imressqa sal-31 ta' Diċembru 2013 huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[2].

Fl-20 ta' Diċembru 2013, Franza ressqet l-applikazzjoni FEG/2013/014 FR/Air France għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ngħataw xi sensji mill-Air France fi Franza.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet bi qbil mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfatti.

## TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

| **Dejta ewlenija:** | |
|---|---|
| Nru ta' Referenza tal-FEG | EGF/2013/014 |
| Stat Membru | Franza |
| Artikolu 2 | (a) |
| Intrapriża ewlenija | Air France |
| Fornituri u produtturi downstream | 0 |
| Perjodu ta' referenza | 1.7.2013 – 31.10.2013 |
| Data tal-bidu tas-servizzi personalizzati | 6.11.2012. |
| Data tal-applikazzjoni | 20.12.2013. |
| Sensji waqt il-perjodu ta' referenza | 1 019. |
| Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza | 4 194. |
| Total ta' sensji eliġibbli | 5 213. |
| Ħaddiema li ngħataw is-sensja u li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri | 3 886. |
| Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR) | 51 845 626 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG[3] (EUR) | 30 000. |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%) | 0,06 |
| Baġit totali (EUR) | 51 875 626 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (50 %) (EUR) | 25 937 813 |

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2013 u kienet sostnuta b'tagħrif addizzjonali sal-24 ta' Lulju 2014.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fi żmien il-perjodu stipulat ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

**Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni**

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, Franza ssostni li għalkemm

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[2] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1. Ara wkoll l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 1309/2013, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
[3] Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

globalment, is-suq tat-trasport internazzjonali bl-ajru għadu ddominat mill-linji tal-ajru Ewropej, dan is-settur għadda minn taqlib ekonomiku serju, b'mod partikolari tnaqqis fis-sehem tas-suq tal-UE Matul il-perjodu 2008-2012, it-traffiku globali żdied b'4,6 % fis-sena, bħala parti minn xejra ta' tkabbir fit-tul osservata sa mill-1970. Madankollu t-traffiku tal-ajru bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja qed jikber b'pass aktar kajman (2,4 %) li wassal għal tnaqqis fis-sehem tas-suq tal-UE-27 fit-trasport bl-ajru, mkejjel bħala dħul f'kilometri għal kull passiġġier(RPK).

4. Minkejja t-tkabbir tat-traffiku dinji matul il-perjodu 2008-2012, it-tkabbir tat-traffiku dinji tal-ajru bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja kien prinċipalment limitat minħabba tkabbir dgħajjef fil-flussi bejn l-Ewropa u l-Lvant Nofsani. Filwaqt li t-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru bejn l-UE u l-erba' reġjuni meqjusin (l-Amerika ta' Fuq, l-Amerika t'Isfel, l-Afrika u l-Asja) kien ivarja bejn 0,3% u 2,8 %[4], it-traffiku tal-ajru bejn l-UE u l-Lvant Nofsani naqas bi 11,4 %.

5. Id-dejta disponibbli għall-2013[5] tindika li x-xejra li kienet tidher waqt il-perjodu 2008-2012 għadha għaddejja. L-Ewropa kibret bi 3,8 % fl-2013 meta mqabbla mal-2012, taħt il-medja dinjija (5,2 %), u tirrappreżenta 38 % tat-traffiku dinji (imkejjel f'RPK), punt perċentwali wieħed inqas milli fl-2012. Ir-reġjun tal-Lvant Nofsani jibqa' r-reġjun li l-aktar qed jikber b'mod mgħaġġel fid-dinja, b'espansjoni ta' 10,9 % fl-2013 u jirrappreżenta 9 % tat-traffiku dinji.

6. Kif jidher fit-tabella hawn taħt, l-evoluzzjoni tal-ishma tas-suq tal-oriġini-destinazzjoni bejn l-Ewropa fuq naħa waħda, u l-Afrika sub-Saħarjana, il-Lvant Nofsani u l-Asja, min-naħa l-oħra, bejn l-2008 u l-2013 turi tnaqqis fil-linji tal-ajru tal-UE ta' kważi 10 punti perċentwali favur it-trasportaturi tal-Golf u t-Turkish Airlines.




[4] bejn l-UE-27 u l-Amerika ta' fuq naqas b' 0,5 %, bejn l-UE-27 u l-Amerika t'Isfel b'1,8 %, bejn l-UE-27 u l-Afrika bi 2,8 %, bejn l-UE-27 u l-Asia b'1,2 %

[5] http://www.icao.int/Newsroom/News%20Doc%202013/COM.43.13.ECON-RESULTS.Final-2.en.pdf

7. L-effetti ta' dawn il-bidliet fix-xejriet kummerċjali ġew aggravati minn fatturi oħra bħal tnaqqis fid-domanda bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u ż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt (xi drabi l-fjuwil jirrappreżenta kważi terz tal-ispejjeż tas-sit/kilometru).

8. Il-perjodu 2008-2012 kien diffiċli għall-akbar tliet linji tal-ajru fl-Ewropa: il-Lufthansa, l-Air France-KLM u l-IAG[6], li kollha kemm huma juru telf f'mill-inqas sentejn mill-ħames snin meqjusin.

**Riżultati netti tal-Air France-KLM, il-Lufthansa u l-IAG (2008-2012)[7] (f'miljuni ta' euro)**




9. Is-sitwazzjoni tal-grupp Air France-KLM hija partikolarment diffiċli minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Il-proporzjon tad-dejn tal-grupp[8] u d-dejn nett huwa ogħla minn dak tal-IAG jew tal-Lufthansa.

**Tqabbil tal-proporzjonijiet bejn id-dejn nett u d-dejn fl-2011**




6 l-IAG tinkludi l-British Airways u l-Iberia.
7 Sors: Les compagnies aériennes européennes sont-elles mortelles? Perspectives à vingt ans
8 Il-proporzjon tad-dejn huwa ddefinit bħala l-proporzjon tad-dejn totali għall-assi totali.

10. Iffaċċjata b'dejn għoli u kapitalizzazzjoni insuffiċjenti tal-istokk tas-suq (anqas mill-valur tal-flotta tagħha) l-Air France ma setgħatx tirreaġixxi b'mod effiċjenti għat-telf tas-sehem tas-suq fit-trasport internazzjonali bl-ajru, li ntemm fi pjan ta' bosta eluf ta' tluq volontarju miftiehem mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-impjegati.

**Turija tal-għadd ta' sensji u tal-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)**

11. Franza ppreżentat din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja tul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, dan jinkludi ħaddiema li jingħataw is-sensja mill-fornituri tagħha jew mill-produtturi involuti fil-produzzjoni downstream.

12. L-applikazzjoni tikkwota 1 019-il sensja fl-Air France matul il-perjodu tal-erba' xhur ta' referenza mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Ottubru 2013 u 4 194 sensja oħra barra mill-perjodu ta' referenza, iżda relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkulati b'konformità mat-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

**Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

13. L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li t-tkabbir tal-flotta għal titjiriet twal ta' tliet kumpaniji ewlenin fir-reġjun tal-Golf Persjan ma kienx mistenni u kien wieħed spettakolari. L-għadd ta' ajruplani għal titjiriet twal żdied minn 100 fl-2005, u bi kważi 200 fl-2008 għal aktar minn 300 fl-2012, inkluż għadd dejjem jikber ta' ajruplani kbar ħafna A380. Meta l-linja tal-ajru tal-Golf ħabbret l-intenzjoni li tordna u tixtri dawn l-ajruplani, il-maġġoranza l-kbira tal-industrija tal-linji tal-ajru kienet dubjuża dwar ir-realtà tal-intenzjoni u tal-mudell ekonomiku biex dawn l-investimenti jsiru profitabbli.

14. Il-kapaċità ta' dawn il-kumpaniji qed tkompli tikber b'mod mgħaġġel ħafna b'ordnijiet kbar, bħal dawk irreġistrati waqt l-ispettaklu tal-ajru f'Dubai f'Novembru 2013. L-Emirates ħolqot is-sorpriża billi ħabbret ix-xiri ta' 150 unità ta' Boeing 777x (b'kapaċità ta' 342 sa 440 sit) kif ukoll ta' 50 Super Jumbo A380 (kapaċità ta' 500 sit kull ajruplan). L-Emirates weħidha tkopri l-miri tal-bejgħ tal-Airbus għal dan ajruplan għall-2014 (25 unità). L-Etihad Airways ħabbret ordni għal 56 Boeing għal titjiriet twal u 87 ajruplan Airbus, fosthom 50 Airbus A350. Sadanittant, il-Qatar Airways ħabbret ordni għal ħames Airbus A330-freighter u kkonfermat ix-xiri ta' 50 ajruplan Boeing 777x li oriġinarjament ġew ordnati f'Novembru, waqt l-ispettaklu tal-ajru f'Dubai, u żiedet id-drittijiet ta' xiri għal 50 unità oħra ta' dan l-ajruplan għal titjiriet twal[9].

15. Skont l-istampa[10] l-pjanijiet ta' espansjoni tal-Emirates, tal-Qatar u tal-Etihad jenfasizzaw kif iċ-ċentru tal-gravità għall-ivvjaġġar globali bl-ajru mexa mill-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq lejn il-Lvant Nofsani.

16. Barra minn hekk, dan il-fenomenu huwa parti minn qafas legali mmarkat minn tendenza qawwija lejn il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tal-ajru. Minn 28 Stat Membru tal-UE, 24 iffirmaw ftehimiet mal-pajjiżi tal-Golf biex joffru lit-trasportaturi tagħhom aċċess wiesa' għas-suq Ewropew. Dawn ir-'regoli tal-logħba' li qed jinbidlu b'mod rapidu iċċaħħdu lit-trasportaturi Ewropej mill-prevedibbiltà li kienet

9 http://online.wsj.com/articles/qatar-airways-confirms-purchase-of-50-boeing-777x-aircraft-1405504408

10 http://dohanews.co/qatar-airways-to-buy-50-long-haul-b777x-planes-from-boeing/

indispensabbli biex jippjanaw l-investimenti tagħhom fil-flotta, li l-valur tagħhom huwa konsiderevoli.

17. Il-prezz taż-żejt baqa' f'livelli storikament għoljin. Fl-2011 l-ispejjeż tal-fjuwil kienu jirrappreżentaw 24 % tad-dħul tal-intrapriżi tal-ajru meta mqabbla ma’ 17 % fl-2007.

18. Il-kombinazzjoni ta’ dawn iċ-ċirkostanzi u s-sitwazzjoni fis-settur tat-trasport bl-ajru fis-snin wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja għamluha diffiċli biex wieħed ibassar l-iżvilupp futur tat-trasport bl-ajru u biex il-miżuri ta' aġġustament meħtieġa jittieħdu anqas f'salt.

**<u>Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-għajnuna</u>**

19. L-applikazzjoni tirrigwarda 5 213-il sensja.

20. Ir-rendikont tal-3 886-il ħaddiem fil-mira tal-assistenza huwa kif ġej:

| **Kategorija** | **Għadd** | **Perċentwal** |
|---|---:|---:|
| Irġiel | 2 322. | 59,75 |
| Nisa | 1 564. | 40,25 |
| Ċittadini tal-UE | 3 879. | 99,82 |
| Ċittadini mhux tal-UE | 7 | 0,18 |
| Età bejn il-15 u l-24 sena | 1 | 0,03 |
| Età bejn il-25 u l-54 sena | 1 206. | 31,03 |
| Età bejn il-55 u l-64 sena | 2 679. | 68,94 |
| 'il fuq minn 64 sena | 0 | 0,00 |

21. Hemm 212-il ħaddiem bi problemi ta’ saħħa fit-tul jew b’diżabilità.

22. Fir-rigward ta’ kategoriji ta’ xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

| **Kategorija** | **Għadd** | **Perċentwal** |
|---|---:|---:|
| Eżekuttivi għoljin ("*Cadres supérieurs*") | 69 | 1,78 |
| Eżekuttiv tan-nofs ("*Cadres*") | 607 | 15,62 |
| Tekniċi u superviżuri ("*Techniciens et agents de maîtrise*") | 2 803. | 72,13 |
| Impjegati u ħaddiema ("*Employés*, *ouvriers*") | 407 | 10,47 |

23. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Franza kkonfermat li qed isseħħ politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadji diversi tal-implimentazzjoni tal-EGF, u b'mod partikolari, fir-rigward tal-aċċess għalih.

**<u>Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu</u>**

24. Is-sensji koperti f’din l-applikazzjoni seħħew l-aktar fir-reġjun tal-Ile-de-France (77 %); it-23 % li fadal huma mifruxin mal-pajjiż inklużi l-Korsika u d-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, imma b’mod predominanti (70 %) fir-reġjuni tan-nofsinhar tal-Midi-Pyrénées u l-Provence-Alpes-Cote d’Azur (PACA).

25. L-awtorità kompetenti hija l-Ministeru tax-Xogħol, l-Impjiegi, it-Taħriġ Vokazzjonali u d-Djalogu Soċjali, id-*Direcctes*[11] reġjonali u d-Délégation générale à l’emploi et à la formation professionnelle (DGEFP). L-Air France innifisha se tkun parti kkonċernata maġġuri, u se tkun qed tikkoordina l-iskema.

[11] Direccte (Directions régionales des entreprises, de la concurrence, de la consommation, du travail et de l'emploi) http://www.direccte.gouv.fr/. Stabbilita fl-2010, id-Direccte tiġbor flimkien bosta servizzi amministrattivi marbutin mal-kummerċ, it-turiżmu, u l-industrija, l-intelliġenza dwar in-negozju, l-industrija, ix-xogħol u l-impjiegi, il-kompetizzjoni u l-konsumaturi

26. L-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u f'dik tal-UE li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew issodisfati.

**L-impatt tas-sensji mistenni fuq l-impjiegi lokali, reġjonali u nazzjonali**

27. L-akbar għadd ta' sensji seħħew fl-Ile-de-France (prinċipalment f'Roissy). Peress li dan jikkonċerna r-reġjun ta' Pariġi, il-livelli tal-qgħad għandhom tendenza li jkunu aktar baxxi minn dak ta' Franza metropolitana filwaqt li fil-PACA l-qgħad qiegħed 1,5 punti perċentwali ogħla u l-livell tal-qagħad fil-Midi-Pyrénées huwa allinjat mal-livell ta' dak ta' Franza metropolitana.

**Il-livelli tal-qagħad**
fir-reġjuni l-aktar milquta mis-sensji




*Sors: INSEE*[12]

28. L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li s-sensji fl-Air France se jaggravaw is-sitwazzjoni tal-qgħad, li diġà ddeterjorat minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja. Fil-perjodu 2008-2013 il-qgħad żdied b'38.7 % f'Ile-de-France, b'37,8 % fil-PACA (Provence-Alpes-Côte d'Azur), b'47,0 % fil-Midi-Pyrénées u b'44,1 % fi Franza metropolitana. Barra minn hekk, l-Ile-de-France qed tiffaċċja sensji kollettivi oħra peress li fl-2014 l-impjant tal-produzzjoni tal-Peugeot Citroën Automobile (PSA) f'Aulnay se jingħalaq għal kollox.

29. Fit-territorju milqut mis-sensji madwar 40 % tal-persuni qiegħda ilhom qiegħda għal aktar minn sena u għal kull impjieg hemm seba' persuni li qed ifittxu x-xogħol.

30. Peress li l-Air France timpjega aktar minn elf ħaddiem, skont l-Artikolu L1233-84 tal-*Code du Travail* hija obbligata li tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni ta' dawn ir-reġjuni. Dan ifisser li l-Air France se tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' attivitajiet u impjiegi ġodda sabiex ittaffi l-impatt tal-sensji f'dawn ir-reġjuni.

---

[12] Institut national de la statistique et des études économiques (INSEE). http://www.insee.fr

**Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-kumplimentarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

31. Il-"*Projet Transform 2015*", li huwa s-suġġett ta' din l-applikazzjoni tal-FEG minn Franza, għandu l-għan li jagħti sostenn lill-5 213-il ħaddiem li offrew li jitilqu mill-kumpanija, u b'mod speċifiku it-3 886 ħaddiem fil-mira.

32. Il-miżura fil-"*Projet Transform 2015*" li għalih l-awtoritajiet Franċiżi qed ifittxu kofinanzjament tal-FEG huwa l-liv għal bidla fl-impjieg ("*congé de reclassement*")[13]. Din il-miżura hija maħsuba għall-ħaddiema li, fil-mument tat-tluq volontarju tagħhom, ma jkollomx pjanijiet preċiżi għal bidla fl-impjieg u jixtiequ jibbenefikaw, fuq perjodu massimu ta' disa' xhur u taħt ċerti ċirkostanzi, sa 15-il xahar[14], minn miżuri ta' taħriġ mill-ġdid, konsulenza, gwida jew assistenza biex iwaqqfu jew jakkwistaw impriża.

– <u>Servizzi ta' konsulenza u gwida vokazzjonali għall-ħaddiema.</u> Il-ħaddiema se jkunu akkumpanjati u orjentati lejn il-proġetti tagħhom għal riallokazzjoni bħala ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom. Il-parteċipanti se jgawdu minn konsulenza u gwida dwar il-karriera, appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, kowċing, tagħrif dwar taħriġ disponibbli, il-promozzjoni tal-intraprenditorija u pariri dwar il-bidu ta' negozju (dan jista' jinkludi tfittxija għal finanzjament, għajnuna bil-pjan għan-negozju, u servizzi oħra li jakkumpanjawhom lejn l-intraprenditorija), eċċ

– Taħriġ. Il-ħaddiema se jiġu proposti diversi tipi ta' taħriġ li jkunu mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom, kif identifikat mill-kunsilliera li jkunu qed jipprovdu s-servizzi konsultattivi. Se tingħata attenzjoni partikulari lill-'*parcours encadrés'* li huwa taħriġ vokazzjonali fit-tul dwar impjiegi li hemm domanda għalihom. Xi eżempji ta' taħriġ vokazzjonali possibbli huma: taħriġ dwar id-dwieli u l-inbid (produttur tal-inbid), CAP tas-servizzi tal-ikel u tax-xorb[15], taħriġ dwar oġġetti friski magħmulin bl-għaġina, u kejkijiet, taħriġ għall-akkwist ta' ċertifikat tad-DAEFLE (lawrja ta' profiċjenza fit-tagħlim tal-Franċiż bħala lingwa barranija), impjiegi fis-settur tax-xogħol tal-metall, taħriġ għall-akkwist ta' CTRIV[16] (xufier tal-passiġġieri), eċċ.

– <u>Kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju</u> Din il-miżura tinkludi għotja sa EUR 24 000 li tista' tiġi kkumplimentata b'benefiċċji ta' reklutaġġ sa massimu ta' EUR 5 000. Il-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju se titħallas f'diversi pagamenti ladarba jkunu ntlaħqu ċerti tragwardi. L-ewwel pagament ta' EUR 3 000 se jitħallas hekk kif tiġi ppreżentata prova ta' twaqqif jew tal-akkwist ta' impriża, bħall-irċevuta tar-reġistrazzjoni. It-tieni u t-tielet pagament ta' EUR 6 000 kull wieħed wara l-preżentazzjoni tal-ewwel u t-tieni dikjarazzjoni

---

13 Fir-rigward tal-liv għal bidla fl-impjieg ('*congé de reclassement*'), l-Artikolu L1233-71 tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprovdi li kumpannija li timpjega aktar minn elf ruħ hija meħtieġa tipproponi l-miżuri stabbiliti fih għal tul minimu ta' erba' xhur. Skont il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, il-perjodu mill-ħames xahar għalhekk mhuwiex obbligatorju u jista' jkun suġġett għal kontribuzzjoni mill-FEG skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-Air France ddeċidiet li tipproponi din il-miżura għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar. L-applikazzjoni ma tipprevedi l-ebda kontribuzzjoni għall-ewwel erba' xhur tal-liv għal bidla fl-impjieg, li jikkorrispondu maż-żmien minimu previst mil-liġi.

14 B'mod eċċezzjonali, il-ħaddiema li jkunu qed isegwu '*parcours encadré*' (jiġifieri taħriġ vokazzjonali fit-tul dwar impjiegi li hemm domanda għalihom) jista' jkollhom il-liv għal bidla fl-impjieg tagħhom '*congé de reclassement*' estiż għal 15-il xahar biex ikopri t-tlestija tal-*parcours encadré* flimkien ma' tliet xhur addizzjonali ta' tfittix ta' impjieg.

15 CPA tfisser Ċertifikat għall-aptitudni professjonali.

16 *Conducteur(trice) du transport routier interurbain de voyageurs* (CTRIV)

tal-VAT fuq il-bejgħ li turi fatturat minimu ta' mill-inqas EUR 500 u EUR 1 000 rispettivament. Il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-proprjetarji uniċi li jkunu eżentati mill-valutazzjoni tal-proprjetà[17] se jirċievu t-tieni u t-tielet pagament ta' EUR 6 000 hekk kif jippreżentaw l-ewwel u t-tieni dikjarazzjoni ta' attività lill-RSI[18], li tindika fatturat ta' mill-inqas EUR 200 u EUR 500 rispettivament bi prova ta' ħlas tad-drittijiet. Hemm previst pagament addizzjonali ta' EUR 9 000 għall-intrapriżi, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-proprjetarji uniċi li ma jkunux eżentati mill-valutazzjoni tal-proprjetà meta jippreżentaw id-dikjarazzjoni tat-taxxa tal-ewwel sena ċċertifikata u approvata. Fil-każ ta' eks ħaddiem tal-Air France fil-mira tal-għajnuna tal-FEG li jiġi impjegat f'pożizzjoni permanenti full-time, il-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju se tiġi kkumplimentata b'EUR 3 000 addizzjonali (EUR 5 000 jekk il-ħaddiem impjegat ikollu 'l fuq minn 55 sena).

– Attivitajiet ta' tagħrif u komunikazzjoni regolari mmirati lejn il-ħaddiema parteċipanti.

– Gratifika għal bidla fl-impjieg (*allocation de congé de reclassement)*. Din il-gratifika ta' kull xahar, li titħallas sat-tmiem tal-*congé de reclassement*, tammonta għal 70 % tal-aħħar salarju gross tal-ħaddiem. Dan l-ammont jiġi kkalkulat abbażi tas-suppożizzjoni tal-parteċipazzjoni full-time tal-ħaddiema f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol; jekk il-parteċipazzjoni tkun inqas, l-FEG se jħallas allowance lill-ħaddiema li jkun proporzjonat għall-parteċipazzjoni reali tagħhom.

– Benefiċċju ta' mobilità. Il-ħaddiem fil-mira li jaċċetta impjieg, li jinvolvi bidla fir-residenza li tkun ta' aktar minn 100 km mill-post attwali ta' residenza, jirċievi somma f'daqqa ta' EUR 2 880 biex tkopri n-nefqa meħtieġa.

33. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri l-organizzazzjoni, il-monitoraġġ u t-traċċabbiltà tad-dejta. L-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li l-livell baxx tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG u l-klassifikazzjoni żero tal-miżuri ta' kontroll u ta' informazzjoni u ta' pubbliċità kienu minħabba l-fatt li ma kinux jiffissaw prezz fuq attivitajiet li fi kwalunkwe każ kienu obbligati li jwettqu bħala parti mill-ġestjoni nazzjonali.

34. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Franċiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fl-azzjonijiet eliġibbli ddefiniti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Franċiżi jistmaw li l-ispejjeż totali jammontaw għal EUR 51 875 626, li minnhom in-nefqa għal servizzi personalizzati tammonta għal EUR 51 845 626 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG tammonta għal EUR 30 000 (0,06 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 25 937 813 (50 % tal-ispejjeż totali).

[17] "micro-social", sistema soċjali ultra simplifikata, eċċ
[18] Régime Social des Indépendants (skema soċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom).

| Azzjonijiet | L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira | Stima tal-ispiża għal kull ħaddiem fil-mira (EUR) (*) | Spejjeż totali (FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR) (**) |
|---|---|---|---|
| **Servizzi personalizzati** (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Servizzi ta' konsulenza u gwida vokazzjonali għall-ħaddiema<br>*(Orientation professionelle)* | 3 886. | 1 385. | 5 382 694 |
| Taħriġ<br>*(Formation)* | 1 268. | 2 567. | 3 255 292 |
| Kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju<br>(*Primes à la crèation d'entreprise)* | 955 | 22 000. | 21 010 000 |
| Attivitajiet regolari ta' tagħrif u ta' komunikazzjoni<br>(*Actions de communication destinés aux travailleurs concernés)* | 3 886. | 70 | 272 020. |
| Allowance għal bidla fl-impjieg<br>*(allocation de congé de reclassement)* | 3 379. | 6 387. | 21 580 020 |
| Benefiċċju tal-mobilità<br>(*Mobilité géographique)* | 120 | 2 880. | 345 600. |
| **Subtotal tas-servizzi personalizzati** | | | **51 845 626** |
| **Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG** (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Attivitajiet ta' tħejjija | | | 0 |
| Organizzazzjoni, monitoraġġ u t-traċċabilità tad-dejta | | | 30 000. |
| Tagħrif u pubbliċità | | | 0 |
| Attivitajiet ta' kontroll | | | 0 |
| **Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG** | | | **30 000.** |
| **Total tal-ispejjeż stmat** | | | **51 875 626** |
| ***Kontribuzzjoni tal-FEG (50 % tal-ispejjeż totali)*** | | | ***25 937 813*** |

*(*) Biex jiġu evitati d-deċimali, l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem ingħataw f'ċifri sħaħ l-aktar qrib. Madankollu dan it-tqarrib ma għandu ebda impatt fuq l-ispiża totali ta' kull miżura li tibqa' skont l-applikazzjoni ppreżentata minn Franza.*

*(**) It-totali ma jaqblux minħabba t-tqarrib.*

35. L-awtoritajiet Franċiżi ma indikawx kif il-miżuri deskritti hawn fuq huma komplimentari mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Madankollu, huma spjegaw li m'hemm previst l-ebda intervent pubbliku bħala appoġġ tal-ekx ħaddiema tal-Air France. Peress li l-Air France hija kumpannija *in bonis* (jiġifieri mhijiex qiegħda f'likwidazzjoni) li timpjega aktar minn 1000 impjegat, hija r-responsabbiltà ta' min iħaddem li jħallas l-ispejjeż kollha tal-miżuri ta' akkumpanjament biex tiġi żgurata r-riallokazzjoni tal-impjegati ssensjati (ara n-nota fil-qiegħ dwar il-liv għal bidla fl-impjieg, fil-paragrafu 31).

36. Barra minn hekk l-awtoritajiet Franċiżi qalu wkoll li kkonkludew ftehim bil-miktub mal-intrapriża li qed tagħti s-sensji li jgħid li fl-implimentazzjoni tal-miżuri deskritti hawn fuq mhux se tirċievi wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni għall-istess miżuri.

**<u>Id-data(i) meta nbdew jew meta huwa maħsub li jinbdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati</u>**

37. Franza bdiet is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema milquta inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost għall-kofinanzjament mill-FEG fis-6 ta' Novembru 2012. Għalhekk din id-data tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kull għajnuna li tista' tingħata mill-FEG.

**<u>Proċeduri għall-konsultazzjoni mas-sħab soċjali</u>**

38. L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira u mas-sħab soċjali. Bejn il-Q1 2012 u Lulju tal-2013 saru għadd ta' laqgħat bejn il-maniġment tal-Air France u r-rappreżentanti tat-trade unions rigward il-ftehimiet dwar il-pjan Transform 2015

39. L-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u f'dik tal-UE li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew issodisfati.

**<u>Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi</u>**

40. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Franċiżi fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi;
- taw prova li l-azzjonijiet jipprovdu sostenn lil ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuna minn strumenti finanzjarji oħra.

**<u>Sistemi ta' ġestjoni u kontroll</u>**

41. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Franza avżat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mid-Délégation générale à l'emploi et à la formation professionnelle (DGEFP, id-Delegazzjoni Ġenerali għall-Impjiegi u t-Taħriġ Vokazzjonali) tal-Ministeru tax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa. Il-pagamenti se jiġu ġestiti fi ħdan l-istess ministeru mid-Département Financiement, Dialogue et Contrôle de Gestion - Mission du financement, du budget et du dialogue de gestion

(DGEFP-MFBDG, Missjoni għall-finanzjament, il-baġit u d-djaloġu tal-ġestjoni). Iċ-ċertifikazzjoni se tingħata mill-Pôle de Certification (iċ-Ċentru taċ-Ċertifikazzjoni) tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi f'Nantes.

**Il-finanzjament**

42. Abbażi tal-applikazzjoni minn Franza, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta’ servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG) hija ta' EUR 25 937 813, li tirrappreżenta 50 % tal-ispiża totali. L-għajnuna proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li ngħatat minn Franza.

43. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibbli ta’ kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013, kif ukoll il-possibbiltajiet għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont totali msemmi hawn fuq.

44. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat l-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba[19].

45. B’mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta’ trasferiment biex fil-baġit tal-2014 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi ta’ impenn, kif mitlub fil-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta’ Diċembru 2013.

**Is-sors tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament**

46. L-approprjazzjonijiet allokati għall-intestatura baġitarja tal-FEG fil-baġit tal-2014 se jintużaw biex ikopru l-ammont ta’ EUR 25 937 813.

[19] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2013/014 FR/Air France minn Franza)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[20], u b'mod partikolari l-punt 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[21],

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[22], u b'mod partikolari il-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[23],

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jagħti sostenn addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja bħala riżultat tal-bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jingħataw għajnuna biex jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[24].

(3) Franza ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Air France, fl-20 ta' Diċembru 2013 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sal-24 ta' Lulju 2014 Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti biex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat l-ammont ta ' EUR 25 937 813.

(4) Għalhekk, l-FEG għandu, jiġi mmobilizzat biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Franza,

[20] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
[21] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
[22] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
[23] ĠU C […], […], p. […].
[24] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 25 937 813 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*